MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 73/2004

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**vs**

**Jesmond Decelis**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas lill-attur tas-somma ta' elfejn, mija u lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm2,101.32), rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici 577670, 572684 u 580589 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A) liema servizzi gew installati fil-fond li jgib l-isem 'Shakers', Triq Barnaba, Bugibba, St. Paul's Bay, rispettivament u dana kif jirrizulta mill-anness Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh, ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------